# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU DISA' U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ħamis 12 ta' Awwissu, 2004 fid-9.30am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport Proġett Gateway
(4) Rapport Konferenza Abruzzo
(5) Proġett Andrea Debono
(6) Proġett Capstan
(7) Mozzjonijiet
(8) Website tal-Kunsill
(9) Niċċa Sant'Anna
(10) Xiri ta' Litter Bins
(11) Malta Historic Cities Festival
(12) Kuntratt Part-time Clerk
(13) Proġett Turistiku Kottonera
(14) Assi tal-Kunsill
(15) Rapport Finanzjarju ta' kull kwart
(16) Pagamenti

## 39 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

*39 (1).1* Billi l-Minuti ġew ċirkolati qabel il-laqgħa tal-Kunsill, il-Minuti tal-laqgħa Numru 38 ġew moqrija in tota.

*38 (1).2* *Korrezzjoni tal-Minuti*

Paġna 2 minuta 38 (2)i tiżdied il-kelma "ma'" bejn "għall-mument" u "laqa'".

Paġna 3 minuta 38 (2) 7ii jitħassar il-kliem "Joseph Abela'".

Paġna 4 minuta 38 (2) 10iii korrezzjoni ta' spelling flok "ħares'" tidħol il-kelma "ħareġ".

Paġna 4 minuta 38 (2) 11i il-figura ta' flus "b'Lm 2, 665'" tiġi taqra "b'Lm 2, 065" .

Paġna 7 Ref 04/1449/04/I flok "Kumitat Konġunt Kottonera" jidħol "Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera".

Paġna 9 minuta 38 (8)iii ħdejn "Silvar Construction & Services Ltd'" tidħol il-figura "Lm 983.69".

Tiżdied din is-sentenza " Sakemm ix-xogħol ta' qtugħ isir bil-magna, ix-xogħol għandu jingħata lil Silvar Construction & Services Ltd".

Paġna 9 minuta 38 (9) 1 il-ħin "12.30pm'" jinbidel u jsir "7.30pm".

39 (1).2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi l-Kunsill approva unanimament il-Minuti ta' laqgħa numru 38 hekk kif korretti b'erba (4) voti favur u astensjoni waħda (1).

39 (1).3 Ġie enfasiżżat li l-Minuti għandhom ikunu lesti sa ġimgħa wara li tkun saret il-laqgħa tal-Kunsill, hekk kif kien approvat fil-laqgħat tal-Kunsill aktar qabel.

39 (1).4 Is-Segretarju Eżekuttiv assigura li din il-proċedura ser tiġi segwita ad letteram. Ix-xogħol fuq il-minuti ser jingħata prijorita fuq kollox.

39 (1).5 *Arising Matters*

(i) In-Notice Board ta' l-ADT li kien hemm ma' ġenb l-uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru issa ġiet imneħħija kif kien intalab mill-Kunsill.

(ii) Żejt fl-art f'Misraħ 4 ta' Settembru li qed jiġi nill-Karozzi tal-linja żdied aktar minkejja l-ilmenti tal-Kunsill.

(iii) Pavimentar bil-Lava fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra - Billi kien ippjanat li l-bankini jsiru bil-Lava mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera, Iżda l-kwotazzjoni kienet għada ma' laħqetx waslet, ix-xogħol f'din it-triq ma' jistgħax il-Kunsill jieqaf qabel il-bankini jsiru bl-istencil minflok.

(iv) Għaldaqstant il-Kunsill approva ż-żieda fir-rati riveduti kif proposti minn Pada Builders Ltd biex isir concrete stencilling (kopja mehmuża).

## 39 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u l-laqgħat li saru bejn l-Erbgħa 14 ta' Lulju, 2004 u l-Ħamis 12 ta' Awissu, 2004.

*39.(2).1 Sindki Kottonera (14/07/04)*

Saret laqgħa għas-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu u li kienet indirizzata miċ-Chairperson ta' l-MTA (Charles Grech). L-għan tal-laqgħa kien it-titjieb tat-turiżmu fil-Kottonera.

*39.(2).2 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (16 / 07 / 2004)*

Il-Viċi Sindku Walter Ahar attenda għal-laqgħa ta' dan il-Kumitat billi s-Sindku Joseph Casha ma' setgħax jattendi.

*39.(2).3 Konferenza f'Abruzzo ( 21 sa 26 / 07 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha u delegazzjoni mill-Kunsill u mil-lokal attendew il-Konferenza Internazzjonali Diversitajiet u Differenzi li kienet organiżżata fir-Reġġjun ta' l-Abruzzo fl-Italja.

L-andament tal-Konferenza ser jiġi diskuss aktar tard b'item 39(4) fuq din l-Aġenda.

*39.(2).4 MTA (29 / 07 / 04)*

Saret laqgħa ma' din l-organiżazzjoni dwar il-Malta Historic Cities Festival li l-MTA ser ittella' f'Ottubru, 2004 flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera u oħrajn.

(i) Ġie stabbilit li l-programm kulturali li ser isir fl-Isla jkun fit-13 ta' Ottubru, 2004. Is-Sindku insista biex il-Banda Queen's Own Maria Bambina tieħu sehem.

(ii) Dwar l-attivitajiet fil-Knisja s-Sindku issuġġerixxa li jsiru kuntatti direttament ma' l-Arċipriet.

*39(2).5 FES - Kuntratt ( 30 / 07 / 04)*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku approva u ffirma dan il-kuntratt dwar il-Literacy Programme u s-Summer Club li qed jittellgħu fil-Kunsill bejn Lulju u Awissu, 2004.

*39.(2).6 Queen's Own Band Club Maria Bambina ( 02 / 08 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mal-Kumitat ta' din il-Banda fejn ġiet iċċarata l-kwistjoni li nqalgħet dwar l-istedina li din l-għaqda qajmmet biex tieħu sehem fil-konferenza f'Abruzzo.

(i) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa li kellu u li ħadet madwar sagħtejn (2 hrs) il-Kumitat deher sodisfatt bl-ispjegazzjoni li ta s-Sindku.

(ii) Sar qbil li kull korrispondenza mill-Kunsill għall-Queen's Own Band Club issir bl-idejn biex jiġi evitat li xi korrispondenza tintilef u ma' tasalx.

(iii) Għalkemm fil-prinċipju qed jaqblu li jieħdu sehem fil-Festival ta' Ottubru l-Queen's Own Band Club talbu li jintbagħtilom it-tagħrif kollu bil-miktub.

*39.(2).7 Laqgħa ma' Catherine Fleri Soler ( 05 / 08 / 04)*

Is-Sindku kellu laqgħa ma' Catherine Fleri Soler u Esmeralda, dwar rapport imħejji minnhom fuq id-Diżabilita' fil-lokal.

Sar qbil li jsir survey dwar il-ħtiġijiet ta' l-Anzjani fil-lokal.

*39.(2).8 Life Long Learning Project ( 05 / 08 / 04)*

Fuq inizjattiva tas-Sindku Joseph Casha saret laqgħa flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) fil-Kunsill Lokali Isla fejn kienu mistiedna is-Sindki tal-Kottonera u tal-Kalkara bis-Segretarji Eżekuttivi rispettivi tagħhom. Preżenti wkoll kien hemm Nora Macelli CEO (FES) u Sandro Spiteri, Direttur. (Mehmuż punti diskussi waqt il-laqgħa).

Billi din kienet laqgħa ta' bdil ta' idejat sar qbil li jintbagħat brief mill-FES biex iservi ta' bażi għal diskussjoni u pjan konkret fil-futur. (Ara noti mehmuża).

*39.(2).9 Computer Courses TCTC ( 09 / 08 / 04)*

Saret laqgħa għall-ġenituri u studenti li applikaw biex jagħmlu korsijiet tal-komputer kif proposti mill-Kunsill.

(i) L-attendenza kienet waħda tajba.

(ii) Ġie propost li l-Kunsill jissussidja l-korsijiet tal-Beginners b'Lm 5 u l-oħrajn Lm 3. Huwa kkalkulat li l-Kunsill ser jissussidja globalment l-ammont ta' Lm 150. Dan ikun magħruf sewwa hekk kif jiġu proċessati l-applikazzjonijiet kollha.

*39.(2).10 Volontiera - Summer Club (11 / 08 / 04)*

(i) Is-Sindku kellhu laqgħa fil-Kunsill mal-volontiera tas-Summer Club dwar l-andament tal-proġett.

(ii) Preżenti magħhom kien hemm is-Sinjura Marthese Bellizzi fejn uriet ix-xewqa li jiġl organiżżat "Parents' Empowerment Course" permezz ta' drama bejn Ottubru u Novembru, 2004.

(iii) Ġie ssuġġerit biex issir talba bil-miktub lill-Kunsill.

*39.(2).11 Devoluzzjoni Sala San Mikiel ( 11 / 07 / 04)*

(i) Is-Sindku Joseph Casha kellhu kuntatti maċ-Chairman tad-Dockyard dwar it-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill Lokali Isla, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Malta Drydocks.

(ii) Dan fil-fatt sar u ntbagħat il-materjal kollhu konness ma' din id-devoluzzjoni bejn l-1997 sa l-2003 (Kopji ta' l-ittri mehmuża)

*39.(2).12 Daħla ta' l-Isla*

(i) Issa li sar ir-restawr fid-Daħla ta' l-Isla l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ser jagħmel sistema ta' dawl ġdid. L-enemalta għandha tibda x-xogħol malaljr kemm jista' jkun.

(ii) Is-Sindku ġie nfurmat li hemm il-possibilta' li d-daħla ta' l-Isla kif ġiet restawrata ser tiġi nawgurata nhar is-27 t'Awwissu, 2004.

*39.(2).13 Attendenza tal-Kunsilliera*

(i) Is-Sindku reġa' fakkar li għalkemm huwa d-dover tas-Segretarjat biex jinforma lill Kunsilliera bil-laqgħat u b'dak li jkun għaddej, xorta tibqa r-responsabbilta' tal-Kunsilliera li jżommu ruħhom aġġornati b'dak li jkun għaddej u bid-dati tal-laqgħat li jkollu l-Kunsill.

(ii) Sar qbil ukoll li l-Aġenda u l-materjal kollhu konness ma' l-Aġenda jintbagħat bil-posta lil kull Kunsillier.

*39.(2).14 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Wara li s-Sinjura Elizabeth Grech baqgħet tal-fehma li tirreżenja min-nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li qiegħed f'kuntatt mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jara l-proċedura li għandha tintuża f'dan il-każ.

*39.(2).15 Temxxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill*

Sar qbil li għandu jsir arranġament aħjar ta' kif jitqassam ix-xogħol biex lċ-ċittadini jinqdew aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jagħmel dan l-arranġament b'konsultazzjoni mas-Sindku Joseph Casha.

*39.(2).16 Delegazzjoni mill-Comune di Cassino*

Il-Kunsill kellhu żjara f'Malta mill-Kunsillier Antonio Valente fejn dan iltaqa' mal-Kunsill. L-ispejjeż involuti għal din lż-żjara jammontaw għal madwar Lm 133.42ċ.

Is-Sindku fisser lill-Kunsill għax iddeċieda li jieħu r-responsabbilta' u japprova li sar dan mill-Kunsillier Charmaine Gerada. Is-Sindku qal li kull meta morna Cassino dejjem ġejna stmati u xtaq li l-Kunsill joffri xi ħaġa żgħira. Ġie deċiż li għall-futur ma' jsir xejn jekk ma' ssirx diskussjoni dwar il-każ.

*39.(2).17* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-12 ta' Lulju, 2004 u s-6 ta' Awissu 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1531/04/I Public Garden - Triq il-Ħabs l-Antik*

Il-MEPA nfurmat lill-Kunsill bil-proċess ta' l-applikazzjoni tal-pavimentar f'dan il-Ġnien.

*04/1559/04/I Children Fun Rides*

Il-Kunsill approva permess biex jintramaw kiddie rides fix-Xatt J. B. Azopardo, Isla bejn is-Sibt 4 ta' Settembru u l-Erbgħa 8 ta' Settembru, 2004 bil-kundizzjonijiet kif imnżżla fit-talba (kopja mehmuża). Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-sena l-oħra dan ma' offra l-ebda donazzjoni. Talab ukoll li kull permess irid jiġi awtorizzat minnhu.

*04/1560/04/I Permess ta' Żvilupp - Skola Dom Mauro Inguanez*

Il-MEPA ppubblikat l-applikazzjonijiet ġodda għal permess ta' żvilupp fl-iskola primarja ta' l-Isla Dom Mauro u li l-Kunsill żmien ilu kien ippropona u ħejja pjanti għas-spejjeż tiegħu għal dan ix-xogħol.

*04/1565/04/I* *Road Clauses - AKL/Cirk 61/2004*

Il-Kunsill irċieva ċirkulari mill-AKL dwar l-egħluq ta' toroq kif maħruġa mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto, Direttur fl-ADT (kopji mehmuża).

*04/1573/04/I / 04/1574/04/I* *Queen's Own Band Club / C. Gerada*

Ġew ippreżentati żewġ ittri li l-Kunsill irċieva separatament mill-Queen's Own Band Club u l-Kunsillier C. Gerada dwar l-oġġezzjoni tagħhom li din is-soċjeta' tħalliet barra minn Network Pilot Projects bħala kontinwazzjoni ta' dan il-proġett u mid-delegazzjoni li kienet sejra ġewwa l-Italja.

*04/1582/04/I* *Dockyard Terrace, Isla*

Wara diversi lmenti mressqa mill-Kunsill l-ispettur tas-Sanita' ewlieni informa lill-Kunsill li wara diversi spezzjonijiet min-naħa tiegħu huwa ta avviż uffiċjali lill-Kummissarju ta' l-artijiet biex jieħu l-passi neċessarji biex l-inkonvenjent imsemmi jitneħħa (kopja mehmuża).

*04/1583/04/I* *Preżentazzjoni ta' kotba*

Il-Kumitat Lokali tal-Partit Laburista wera x-xewqa tal-mexxej Laburista Dr. Alfred Sant li jippreżenta xi kotba lill-komunita' ta' l-Isla biex jinżammu fil-Librerija Pubblika Lokali li l-Kunsill għoġbu jiftaħ (Kopja mehmuża).

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

*04/1584/04/I* *GWU - Youth*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jibgħat tagħrif jew proġett li l-Kunsill wettaq fl-Isla, f'dik li hija kultura, mużika u moda. Dan ser jidħlu pull out fuq l-Orizzont kull xahar bħala suppliment tal-gazzetta. Dan qed isir mill-GWU Youths.

*04/1591/04/I* *Ħlasijiet tal-Maltacom*

Wara l-ilmenti mill-Maltacom sar qbil biex il-ħlasijiet tat-telefon jiġu depożitati u s-slip mibgħuta kull ġimgħa.

*04/1592/04/I* *Deposit Slips*

Sar qbil li d-deposit slips tal-ħlas tal-multi jibdew jintbagħtu kull ġimgħa.

*04/1600/04/I* *Memo 18/2004 (NOS)*

Il-Kunsill ser jimxi fuq l-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lilu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ser tibda tintbagħat kopja tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika kif propost fl-istess Memo.

*04/1605/04/I* *Bieb Sant'Anna*

L-uffiċċju tal-Proġetti għar-Rijabilitazzjoni informa lill-Kunsill li t-tmexxija ta' wires minn dan il-Bieb ġie approvat u ser isir kif ukoll ser ikun iffinanzjat minnhom (Kopja mehmuża).

*04/1616/04/I* *Ħidma flimkien favur il-faqar*

Il-Moviment Era Ġdida talab l-għajnuna tal-Kunsill biex ikomplu jkabbru l-ħidma flimkien billi jekk il-Kunsill ikun jaf b'familji jew individwi li huma fil-bżonn jiġu mressqa lejn it-tim ta' Era Ġdida (Kopja mehmuża).

*04/1625/04/I* *Kompetizzjoni tad-draughts*

Il-Kunsill approva u laqa' t-talbabiex issir kompetizzjoni tad-draughts fil-Kunsill nhar is-Sibt 2 ta' Awissu, 2004 bejn is-6.00pm u d-9.30pm.

Il-Kunsill approva tlett tazzi lir-rebbieħa (Kopja mehmuża).

*04/1627/04/I* *Karta Anzjan*

Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti dwar proċeduri fuq l-ilmenti dwar Karta Anzjan.

*04/1639/04/I* *Bank Guaratee - Development Permit 3115/98*

Il-Kunsill ġie mitlub biex jara jekk sarux xi ħsarat fiż-żonqor waqt xogħol ta' kostruzzjoni li sar fis-sit Nuru 17 Triq San Filippu, Isla, qabel isir dan il-MEPA ma' tistgħax tirrilaxxa din il-Garanzija.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jiċċekjaw dwar dan.

*04/1648/04/I* *Omnibus Survey - Circular NSO*

*04/1660/04/I* *Dock Numru 1 (Development Brief)*

Il-Kunsill irċieva development brief dwar Dock Number 1 mis-Sur Raphael Orsini uffiċċjal fis-Segretarjat tal-Ministeru ta' l-Iżvilupp Urban u Toroq (Kopja mehmuża).

Għaldaqstant talbu diskussjoni mal-Kunsill fuq il-punti mressqa.

*04/1662/04/I* *Car Free Day - Memo 19/2004 (22 / 09 / 04)*

Id-Direttur informa lill-Kunsill li bħala parti mill-European Mobility Week ser tinżamm Car Free Day fit-22 ta' Settembru, 2004. Huwa maħsub li f'din l-inizjattiva jipparteċipaw 295 bliet u rħula fil-21 pajjiż fosthom 24 lokalitajiet Maltin.

Il-Kunsill ġie mħeġġeġ biex jippartecipa.

*04/1664/04/I* *Uffiċini Amministrattivi*

Il-Kunsill ser jgħaddi t-tagħrif meħtieġ dwar l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fuq il-formola ppreżentata kif mitlub.

*04/1666/04/I* *Ħatra ta' Udituri tal-Gvern*
*04/1667/04/I*

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-Udituri tal-Gvern għal dan il-Kunsill għas-sena 2004/2005 huma MGI Malta, Zabbar Road, Fgura.

*04/1671/04/I* *Stedina Hamm - Ġermanja*

Il-Kunsill irċieva żewġ stediniet biex iżur il-Kunsill ta' Hamm dwar il-proġett Pilot Network of Projects.

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse zammit ġew mistiedna biex Iżuru Stadt Hamm bejn it-12 u l-14 ta' Settembru, 2004 flimkien ma' delegazzjonijiet oħra li ser jieħdu sehem f'dan il-proġett.

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li minħabba s-sitwazzjoni finazjarja kif ukoll li bejn Settembru u Diċembru hemm żewġ stediniet, ma' naqbilx li jmorru f'Settembru ukoll.

Il-Kunsill qabel li jattendi l-laqgħa li ser issir f'Hamm il-Ġermanja bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru, 2004 biex isiru l-ewwel preparamenti tal-Pilot Network of Projects.

Għal dan il-meeting huwa mitlub li jattendu rappreżentanti li ser ikunu jiffurmaw parti mill-iSteering Committee li jridu jiġu magħżula mill-Kunsill.

Is-Sindku talab li niktbu Hamm u nispjegawlom is-sitwazzjoni.

*04/1677/04/I* *Cottonera Tourism Project*

L-MTA infurmat lill-4 Kunsilli li bi ħsiebha tikkontribwixxi s-somma ta' Lm 500 għall-pubblikazzjoni tat-Tourist Map fuq il-Kottonera.

*04//04/I* *Festival Maria Bambina*

Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kumitat Son Festival Maria Bambina biex dan il-festival tal-Kant isir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Awwissu, 2004 fuq il-bejt tal-Maċina.

*04/1508/04/I* *Talba ta' Dr Claire Muller*

*04/665/04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sinjura Jacqueline Gatt biex tagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill bil-għan li tagħmel riċeviment tal-magħmudija nhar is-Sibt 25 ta' Settembru, 2004.

*04/ /04/I* *Għaqda Festi Esterni*

Din l-għaqda talbet il-permess tal-Kunsill biex tkun tista' taħraq in-nar matul il-ġranet tal-festa ( 4, 6, 7 u 8 ta' Settembru, 2004).

Il-Kunsill jixtieq aktar tagħrif.

*54/A* *Ilment dwar l-egħluq tax-Xatt ta' l-Isla*

Il-Kunsill qed jindirizza l-ilment imressqa (kopja mehmuża).

Minħabba li kien sar il-ħin, il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għall-għada l-Ġimgħa 13 ta' Awissu, 2004 fit-8.30am.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar il-Ġimgħa 13 t'Awwissu, 2004 fit-8.30am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

## 39 (3) Gateway Project

Is-Segretarju Eżekutiv informa lill-Kunsill li dan il-proġett kien suċċess kemm mill-attendenza

kif ukoll fil-parteċipazzjoni l-għanijiet intlaħqu.
Għal'issa kien f'pożizzjoni li jagħti tagħrif ġenerali tal-proġett. Aktar tard ser jippreżenta r-rapport finali li jrid jissottometti lill;-Aġenzija Nazzjonali Maltija tal-Youth Programme.

## 39 (4) Konferenza f'Abruzzo

Is-Sindku Joseph Casha ressaq rapport bil-miktub ta' dak li fil-fehma tiegħu ġara mid-delegazzjoni Maltija mmexxija minnhu għal din il-konferenza.

(i) Huwa ħass li kien hemm xi nuqqasijiet li ried jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill.

(ii) Ir-rapport kif ippreparat mis-Sindku Joseph Casha huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

(iii) Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta bil-miktub l-impressjonijiet tiegħu dwar din il-konferenza lill-Kunsill Lokali Isla li kien mistieden mill-Provincia ta' l-Aquila fir-Reġġjun ta' l-Abruzzo. (Mehmuż ma' dawn il-minuti).

## 39 (5) Misraħ Andrea Debono

Il-Kunsill qed jaħdem biex jirranġa u jsebbaħ dan il-Misraħ skond kif kien imwiegħed fil-programm elettorali lokali tal-partit laburista għall-Kunsilli Lokali.

(i) Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop approva biex hekk kif l-applikazzjoni li ġiet imressqa quddiem il-MEPA biex isir dan l-embellishment, il-Kunsill joħroġ it-tender pubblika biex dan ix-xogħol isir.

(ii) Huwa stmat li dan il-proġett jiġl jiswa madwar Lm 4, 100 li jikkonsisti Lm 2, 800 għall-playing equipment u Lm 1, 300 bħala xogħol.

(iii) Kopja tal-pjanti u tal-costongs involuti huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 39 (6) Proġett Capstan

*Nota : Il-Kunsillier Mario Mizzi daħal għal-laqgħa hekk kif bdiet id-diskussjoni dwar dan l-item fuq l-Aġenda (Ħin 9.20am)*

(i) L-applikazzjoni biex isir dan ix-xogħol fix-Xatt ta' l-Isla viċin l-Għar tal-Madonna ġiet ppreżentata quddiem il-MEPA.

(ii) Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li l-capstan bħal'issa tinsab il-Malta Drydocks li dawn lesti li joffru s-Servizzi tagħhom b'xejn biex iwasslu u jpoġġu dan il-Capstan fil-post tiegħu fix-Xatt.

(iii) Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva biex dan il-proġett jitwettaq hekk kif il-permess mill-MEPA jiġi approvat u li x-xogħol m'għandhux jaqbeż is-somma ta' Lm 1, 500.

(iv) Kopja tal-costings proposti u tal-pjanti huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

*39(6).2 Railing Ġdid*

Xogħol ieħor li jinħtieġ li jsir huwa railing tal-ħadid fit-taraġ li hemm fi Triq San Ġiljan.

(i) Is-Sur Ray Mizzi offra li jekk il-Kunsill jixtri l-materjal li hemm bżonn huwa lest li jaħdem dan ir-railing mingħajr ħlas.

(ii) Il-materjal huwa stmat li jiswa madwar Lm 90.

(iii) Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva biex dan ix-xogħol isir.

(iv) Disinn tar-railing huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

## 39 (7) Mozzjonijiet

39(7).1 Il-Kunsill kellhu għad-diskussjoni żewġ mozzjonijiet u Riżoluzzjoni.

(i) Il-Kunsill qabel li Riżoluzzjoni Numru 24/2004 li titratta dwar il-proġett Sajfmana tiġi Trattata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u li dan għandhu jittieħed bħala avviż formali għal-laqgħa li jmiss.

*39(7).2 Mozzjoni 1/2004*

Din il-mozzjoni kienet titratta dwar xogħlijiet fuq il-Moll u diversi talbiet li l-Kunsill kien qed jagħmel lill-Gvern Ċentrali u li baqa' ma' sar xejn fuqhom.

(i) Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva addenda f'din il-mozzjoni li tgħid hekk "Wara li din il-mozzjoni tiġi approvata mill-Kunsill din għandha tiġi ċċirkulata liċ-ċittadini Senglejani".

(ii) Wara li l-Kunsill approva din l-Addenda f'din il-mozzjoni, il-Kunsill għadda biex approvaha nem con kif emendata u kif kienet proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

(iii) Kopja tal-mozzjoni hija mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 39 (8) Website tal-Kunsill

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li huwa kellhu mas-Sur Warren Mejlaq bħala l-kuntrattur li ser jieħu ħsieb itella' din il-website. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv.

(i) Ġew preparati l-punti li tqajjmu f'din il-laqgħa u xi jrid isir biex din il-website issir. (Kopja mehmuża).

(ii) Kopja ta' l-Invoice għall-ispejjeż mehtieġa hija mehmuża u l-ammont jilħaq Lm 224.20.

(iii) Il-Kunsill qabel ma' dawn l-ispejjeż involuti u ta l-go ahead biex ix-xogħol jitwettaq.

(iv) Ġie propost biex waħda mill-istaff tagħmel tant siegħat fil-ġimgħa biex taħdem fuq il-website.

(v) Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb iqassam ix-xogħol u jinforma lill-Kunsill kif dan ser isir.

## 39 (9) Niċċa Sant'Anna

Ir-restawr ta' l-inkwatru tan-Niċċa ta' Sant'Anna qed isir minn Joe Zarb. L-ispejjeż involuti huma ta' madwar Lm 30. Il-Kunsill approva dawn l-ispejjeż.

(i) Is-Sur Zarb wera x-xewqa li hekk kif in-Niċċa tkun lesta huwa lest li jieħu ħsiebha mingħajr interessi personali. Il-Kunsill ser jibqa' jamministra din in-Niċċa hu.

## 39 (10) Xiri ta' Litter Bins

Sar qbil biex Joe Casha jitlob donazzjoni ta' tlett (3) litter bins lill-Kumpanija Mquip. Jekk dan ma' jseħħx il-Kunsill jixtri l-materjal u jaħdem dawn il-litter bins bil-ħaddiema assenjati miegħu.

## 39 (11) Kuntratt Part-Time Clerk

Għalkemm il-ħsieb tal-Kunsill huwa li jimpjega skrivana full-time minħabba li x-xogħol qiegħed dejjem jiżdied fl-uffiċċju tal-Kunsill, is-Sindku Joseph Casha stqarr li minħabba l-ispejjeż li dejjem jiżdiedu u l-finanzi li dejjem jonqsu jkun aħjar li għal'issa l-Kunsill jibqa' jaħdem b'kuntratt ta' servizz klerikali.

(i) Għalhekk kien qed jissuġġerixxi biex il-kuntratt preżenti ta' Servizzi Klerikali jiġi estiż għas-seba' (7) xhur li ġejjin. Jekk hemm bżonn is-sigħat jitilgħu minn 30 siegħa għal 35 siegħa fil-ġimgħa.

(ii) Is-Sindku għandu jkellem lill-iskrivana li qegħda b'dan il-kuntratt.

## 39 (12) Malta Historic Cities Festival

Dan il-festival ser jiġi mtella' mill-MTA f'Ottubru, 2004 bil-kollaborazzjoni ta' diversi Kunsilli Lokali.

(i) Fl-Isla dan il-festival ser jiġi mtella' fit-13 t'Ottubru, 2004 bil-kollaborazzjoni ta' dan il-Kunsill. Il-Banda Queen's Own ser tagħmel Marċ fil-waqt li l-Kumitat tal-Knisja ser jagħmel l-ikel.

39(12).2 Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li bejn it-23 u s-27 t'Awwissu, 2004 Surmast minn Cassino ser jiġi Malta peress li hemm possibilta' li jagħmel kunċert waqt dawn l-attivitajiet MTA.

L-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u passaġġi ta' l-ajru ser jiġu sponsorjati mill-MTA Wara talba li saret mis-Sindku.

39(12).3 Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li f'Ottubru wkoll ġejjin grupp ta' residenti minn Cassino biex jattendu għal dan il-kunċert kif ukoll bħal skambju ta' ċittadini.

Is-Sindku qal li peress li Bronk Production organiżżaw grupp għal Cassino aktar qabel se jieħu ħsieb trasport u min-naħa tal-Kunsill il-ħsieb hu li norganiżżaw get together.

## 39 (13) Proġett Turistiku Kottonera

Dan huwa proġett li qed jaħdem fuqu l-Kumitat Konġunt għall-Kottonera mniedi mill-Partit Laburista flimkien ma' l-għaqdiet, banek u entitajiet governattivi.

(i) Id-dokument imħejji qiegħed għand is-Sur Louis Henwood u hekk kif jiġi ppreżentat ikun diskuss fil-Kunsill.

## 39 (14) Assi tal-Kunsill

Bħal fil-każ tal-website, il-Kunsill qabel li waħda mill-istaff taħdem tant sigħat fil-ġimgħa biex isir ir-reġistru ta' l-Assi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkunsidra dan ix-xogħol flimkien ma' dak tal-website tal-Kunsill.

## 39 (15) Rapport Finanzjaru ta' Kull Kwart

Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart ta' din is-sena finanzjarja

(Apr'04 - Mar'05).

(i) Saret spjega mill-accountant tal-Kunsill dwar dan ir-rapport finanzjarju u anke wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mis-Sindku u mill-Kunsillieri preżenti.

(ii) Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju li kopja tiegħu hija mehmuża ma' dawn il-Minuti.

(iii) Dan il-kwart għalaq bi żbilanċ ta' Lm 2, 477.30 u l-Kunsill qabel li jiġl rkuprat fit-tieni kwart tas-sena finanzjarja tal-Kunsill (Lulju - Settembru'04).

(iv) Kopja ta' dan ir-rapport ser tintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 39 (16) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

*39.(16).1* Is-Sindku Joseph Casha ressaq quddiem il-Kunsill dawn l-isponsorships lil erba' (4) għaqdiet fil-lokal li huma :

| | |
|---|---|
| Senglea Athletic FC | Lm 50 |
| Senglea Athletic Youth Nursery FC | Lm 50 |
| Senglea Regatta Club | Lm 50 |
| Senglea Boċċi Club | Lm 50 |

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar dawn id-donazzjonijiet għall-ammont ta' Lm 200 ġew approvati.

*39.(16).2* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva l-ħlasijiet dovuti minnhu għall-ammont ta' Lm 7, 406.23.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-11.35am b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

_______________________ _______________________

Joseph Casha — Alphonse Zammit

Sindku — Segretarju Eżekuttiv